# Ismijiet tat-Toroq tal-Qrendi



**Kitba ta' Tony Terribile**

Fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra rajna l-ismijiet ta' xi toroq fil-Qrendi li magħhom hemm marbuta storja u tifkira. Din is-sena se naraw aktar toroq, u filwaqt li naraw isimhom nagħtu t-tifsira tagħhom u se nibdew minn:

## Triq Caliares

Fra Baldassere Cagliares kien l-uniku Isqof djoċesan Malti ta' żmien l-Ordni tal-kavallieri ta' San Gwann. Il-Papa Pawlu V innominah Isqof ta' Malta nhar it-18 ta' Mejju 1615. Baldassere Cagliares twieled fl-1575, minn ġenituri Maltin. Il-konsagrazzjoni episkopali tiegħu saret fil-belt ta' Ruma u malli wasal Malta, fil-5 ta' Ġunju tal-1615, beda l-ewwel vista pastorali tiegħu. Dam 17-il sena Isqof ta' dawn il-gżejjer li matulhom wettaq ħidma importanti ħafna għaliex għamel numru ta' visti pastorali, mexxa tlett Sinodi, waqqaf il-kolleġġjata ta' Birkirkara, bena il-Palazz veskovili fil-Belt Valletta, ġab Malta lill-patrijiet ta' Santa Tereza u bosta ħidmiet oħra. Miet fl-4 ta' Awissu 1633 fid-dar tiegħu fir-Rabat u indifen fil-kannirja tal-Katidral ta' l-Imdina. Kien xieraq li fil-Qrendi tissemma triq għalih għax kien hu, li fl-1618, waqqaf il-Qrendi bħala Parroċċa.

## Triq il-Kartaġiniżi

L-isem ta' din it-triq ifakkarna f'perjodu interessanti ta' ġrajjiet artna. Il-Kartaġiniżi daħlu fl-istorja tal-Mediterran fl-aħħar parti tas-seklu tmienja qabel Kristu. Id-dħul tal-Kartaġiniżi f'Malta ma kienx ħlief wirt naturali mingħand qrabathom il-Feniċi. Il-Kartaġiniżi daħħlu f'Malta is-siġar taż-żebbuġ u tal-ħarrub. Kien bis-saħħa tagħhom li l-Maltin fetħu s-swieq ma' pajjiżi oħra.

## Triq il-Puniċi

L-isem ta' din it-triq jeħodna lura għas-sena 264 qabel Kristu meta ir-Rumani u l-Kartaġiniżi kellhom numru ta' gwerer bejniethom magħrufa bħala l-gwerer puniċi. Kittieba famużi Rumani bħal Novius, Cicerun, Strabo u oħrajn qalulna li l-Maltin ta' żmienhom kienu Puniċi u li kellhom gvern jixbaħ lil dak ta' l-ibliet Griegi.

## Triq il-Kastiljani

L-isem ta' din it-triq ifakkarna f'Malta ta' bejn l-1412 u l-1518. Mal-mewt ta' Martinu it-Tieni fuq it-tron tat-tmexxija ta' Sqallija u Aragona, tela' Ferdinando ta' Kastilja u hekk Malta sabet ruħha taħt it-tmexxija ta' dan ir-re. Iżda fl-1416 ibnu Alfonso ta lil Malta lil Don Antonio Cardona, Viċi re ta' Sqallija għas-somma ta' tletin elf fjorin iżda ħames snin wara gżiritna reġgħet ġiet mogħtija lil Don Gonsalvo Monroy. Kien mexxej kiefer iżda l-Maltin waqfulu u kienu kapaċi li wara li tawh lura il-fjorini, marru għand ir-Re Alfonso u kellmuh dwar it-tbatijiet li ġarrab il-poplu Malti taħt Monroy. Ir-Re Alfonso faħħarhom għal dak li għamlu u bħala sinjal ta' appoġġ tahom digriet importanti li fih qal li Malta hi art nobbli u prezzjuża fil-kuruna tiegħu.

## Triq is-Salvatur

L-isem ta' din it-triq hu marbut ma' waħda mill-knejjes żgħar li nsibu fir-raħal, mibnija fis-seklu sbatax minn Beneditt Camilleri flok oħra aktar qadima u għalhekk għandha arkitettura tipika ta' dawk iż-żminijiet. Fl-1876 f'din il-knisja saru xi tibdiliet l-aktar fil-ftuħ taż-żewġ twieqi fil-faċċata tagħha filwaqt li s-saqaf tagħha ġie iddekorat. Għamlet żmien twil magħluqa iżda llum ġiet restawrata u miftuħa mill-ġdid u qiegħda sservi bħala knisja, li fiha ssir kuljum l-adorazzjoni ewkaristika, filgħodu u filgħaxija.

## Triq il-Madonna tal-Ħniena

L-isem ta' din it-triq hu wkoll marbut ma knisja oħra li nsibu fil-Qrendi, iddedikata lill-Madonna tal-Ħniena. Bla dubju ta' xejn hi waħda mill-aktar knejjes devoti u sbieħ li nsibu fil-gżejjer tagħna. Din ġiet mibnija fl-aħħar nofs tas-seklu sbatax. Għandha portiku mill-isbaħ imfassal u mibni bl-iskop li jilqa' taħtu n-numru kbir ta' pellegrini li fl-imgħoddi kienu jżuru b'għadd kbir lil din il-knisja. Xhieda tad-devozzjoni kbira li minn dejjem kellha din il-knisja huwa n-numru kbir ta' kwadri tal-wegħda magħrufa bħala "Ex Voto" li jinsabu mdendlin mal-ħitan tagħha. Benefattur kbir ta' din il-knisja kien il-Balliju Guttenberg. Il-knisja hija mżejna wkoll b'numru sabiħ ta' ħwejjeġ storiċi u artistiċi.

Kif rajna għalhekk l-ismijiet tat-toroq qegħdin ifakkruna fi ġrajjiet u postijiet marbuta ma' ġrajjiet artna u ma' ġrajjiet il-Qrendi.

